# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 21 ta’ Mejju 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 2407/98mm**

**Enemalta Corporation**

**vs**

**Chemimart Ltd u b’digriet tas-27 ta’ Jannar 2000 gie kjamat fil-kawza Reginald Fava**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-korporazzjoni attrici fil-15 ta’ Dicembru 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas is-somma ta’ sebgha mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm749.25) rappresentanti, bilanc ta’ somma dovuta minhabba “uprating” tas-sistema tal-elettriku fil-fond 21, Triq ir-Repubblika, Valletta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra legali datata 3 ta’ Dicembru 1996 u tal-ittra ufficjali datata 16 ta’ Jannar 1997, bl-imghax legali

sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Chemimart Ltd fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' konvenuta diga hallset ghax-xogholijiet maghmula mill-Korporazzjoni Enemalta.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-istess socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar 2000 fejn ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Reginald Fava.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Reginald Fava fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront tieghu stante li dawn it-talbiet huma preskritti ai termini tal-Ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premessi l-eccipjent mhux debitur tal-attur fl-ebda ammont.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li fil-25 ta' Awissu 1992 il-kjamat fil-kawza Reginald Fava kien dahal f'zewg *agreements* mal-Korporazzjoni attrici sabiex isir *uprating* tal-elettriku ghal xi fondi gestiti mill-kumpanija tieghu. Dawn il-ftehim jinsabu esibiti a fol 15 u 17 tal-process. Abbazi ta' dawn saru xi xogholijiet u anke sar hlas ta' depositu. Peress illi l-korporazzjoni attrici ma tkunx f'posizzjoni illi tikkwantifika ezatt l-ispiza necessarja sabiex isir ix-xoghol rikjest, isir *saving clause* sabiex il-korporazzjoni tkun koperta jekk wara jirrizulta li saru spejjez aktar mid-depozitu illi gie mhallas mill-klijent.

Fil-fatt hekk irrizulta, u fl-4 ta' April 1994 s-socjeta' Chemimart Limited irceviet talba ghal hlas tal-bilanc ta' tminn mija u disa u sittin lira u wiehed u erbghin centezmi (Lm869.41c) liema ammont thallas fid-29 ta' April 1994 skond kopja ta' rcevuta esibita f'dawn l-atti a fol 22. Kemm it-talba ghal hlas tal-bilanc kif ukoll l-ircevuta hargu ghan-nom tas-socjeta' Chemimart Limited. Din l-ahhar socjeta' ghamlet zewg noti ta' l-eccezzjonijiet. F'wahda minnhom eccepew il-preskrizzjoni abbazi ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-ohra eccepiet illi ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mal-Korporazzjoni attrici.

Il-Qorti jidhrilha illi jkun opportun illi f'dan l-istadju, tiddeciedi dwar l-eccezzjoni ulterjuri u thalli inpregudikat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, dana l-ghaliex jezistu provi bizzejjed sabiex il-Qorti tiddeciedi fuq il-kap ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika milli fuq dak ta' preskrizzjoni.

Irrizulta kif gia nghad, illi l-ftehim ta' *uprating* sar personalment mal-kjamat fil-kawza Reginald Fava. Is-socjeta' Chemimart Limited ma ffigurat imkien f'dawn il-ftehim u dehret l-ewwel darba meta ntbaghtet it-talba ghal hlas tal-bilanc fl-1994. Saret ukoll xi korrispondenza bejn il-korporazzjoni attrici u l-avukati tal-Chemimart kif jidher a fol 58 tal-process.

Jidher minn dawn il-provi illi hemm certa konfuzzjoni bejn l-agreement illi sar personalment ma' Reginald Fava u l-hlasijiet illi jidher li saru ghan-nom ta' Chemimart Limited. Ta' min ighid li Reginald Fava huwa *managing director* u proprjetarju tad-ditta Chemimart Limited, ghalhekk mhijiex stramba illi jkun hemm

certa konfuzzjoni bejn dawn iz-zewg enti, pero' billi l-hlasijiet isiru minn Chemimart Limited ma jfissirx illi b'daqshekk din is-socjeta' assumiet xi dejn illi kellu l-kjamat fil-kawza Reginald Fava fil-kwalita' personali tieghu.

Kif qalet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Zammit vs Frendo Azzopardi (Vol XXXI pt111 pg 257) "biex ikun hemm il-figura guridika ta' assunzjoni ta' dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn la mhux tieghu ma jfissirx illi huwa assuma dak id-dejn". Minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ghamlet taghha d-dejn li setgha kellu Reginald Fava personalment. Ma jistax jigi assunt illi peress is-socjeta' konvenuta ghamlet xi pagamenti ghan-nom ta' haddiehor allura dan jammonta ghal xi novazzjoni. Biex din ta' l-ahhar tavvera ruhha hemm bzonn provi aktar konkreti milli semplicement pagament ghan-nom ta' haddiehor. Hemm certa formalitajiet illi l-ligi tippreskrivi sabiex issir novazzjoni. F'dan il-kaz ma sar xejn minn dan u, abbazi tat-taghlim fuq enuncjat, ma jistax jigi prezunt illi b'dan il-pagament is-socjeta' konvenuta assumiet xi dejn partikolari ta' Reginald Fava. Jibqa' l-fatt li l-ftehim bejn il-korporazzjoni attrici u Reginald Fava illi sar fil-25 ta' Awissu 1992 jkopri biss ir-relazzjonijiet bejn dawn iz-zewg persuni u bl-ebda mod ma ntromettiet jew inkella assumiet xi obbligi s-socjeta' konvenuta, quindi kif tajjeb osservat l-istess socjeta' fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri taghha, dina ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-korporazzjoni attrici u ghalhekk timmerita illi tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u din l-eccezzjoni ghandha tkun milqugha. Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex

tikkonsidra l-eccezzjoni mqajjma mill-kjamat fil-kawza a fol 44 tal-process.

F'dawn l-eccezzjonijiet il-kjamat fil-kawza Reginald Fava personalment beda biex ecepixxa illi t-talbiet tal-korporazzjoni attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront tieghu stante li dawn it-talbiet huma preskritti ai termini tal-ligi. Il-Qorti tosserva illi f'din l-eccezzjoni l-kjamat fil-kawza ma specifikax l-artikolu tal-Ligi taht liema qed jeccepixxi t-terminu preskrittiv favur tieghu. Il-Qort jidhrilha illi dana huwa mankament serju ghal din l-eccezzjoni peress illi l-gurisprudenza tghallem illi l-Qorti hija prekluza milli tindaga hi u tirrileva l-artikolu applikabbli ghall-istitut ta' preskrizzjoni.

Kif qalet il-kawza <u>Cali vs Galea </u>(Vol XL pt 1 pg 166) "…. Il-Qorti ma tistax tapplika preskrizzjoni ex ufficio; ghax l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni biex il-Qorti tikkunsidraha jehtieg illi tkun specifika fl-eccipjent u mhux bizzejjed li l-eccipjent jghid li jaghti l-eccezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni ohra skond il-Ligi. Ghax xorta ohra l-Qorti tkun qieghdha tissupplixxi ghal parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva u fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika ta' preskrizzjoni ohra l-eccezzjoni alternattiva tal-preskrizzjoni moghtija mill-eccipjent mhijiex attendibbli". Ta' min jirrileva illi din is-sentenza ddeskriviet l-preskrizzjoni bhala "materja odjuza" li fiha l-Qorti ma tistax tiehu inizzjattiva, peress illi l-eccippjent ma ndikalhiex liema artikolu jrid japplika favur tieghu, l-Qorti ma tistax tiehu din l-inizzjattiva u tapplika hi l-artikolu li minghalija l-eccippjent setgha kellu f'mohhu. Ghalhekk f'dan l-istadju l-Qorti ma ghandhiex triq ohra

hlief illi tichad din l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mill-kjamat fil-kawza u tghaddi sabiex tikkonsidra l-meritu.

Skond ir-rizultanzi processwali d-disgwid bejn il-partijiet qam wara *internal audit report* illi sar mill-korporazzjoni attrici u li kopja tieghu jinsab esibit a fol 39 tal-process. Jidher illi wara li saru x-xogholijiet u intbaghat il-kont finali, sar dan l-*audit report* u nstab illi l-korporazzjoni ma talbietx il-hlas ghax-xoghol illi sar mis-*substation* ghat-*t-joint* li minnha hareg il-*cable* l-gdid ghall-istabbiliment tal-kjamat fil-kawza. Wara illi ghamlet il-*costings* taghha sabet illi dan ix-xoghol mis-*substation* sat-*t-joint* gie jiswa l-ammont ta’ sebgha mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm749.25c). Ghalhekk fis-6 ta’ Novembru 1996 ntbaghtet ittra lic-*Chief Executive* Chemimart Limited, li huwa l-kjamat fil-kawza Reginald Fava, fejn talbet il-bilanc ta’ sebgha mija, disgha u erbghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm749.25c). Il-kjamat fil-kawza qal illi mhuwiex tenut ihallas din ic-cifra peress illi huwa kien ircieva l-kont finali minghand il-korporazzjoni attrici fl-4 ta’ April 1994 fejn il-Korporazzjoni kienet talbet il-bilanc ta’ Lm869.41 liema bilanc thallas fid-29 ta’ April 1994. Ghalhekk il-kjamat fil-kawza qieghed joggezzjona illi jhallas l-ahhar talba ghax skond hu kwalunkwe ammont dovut lill-korporazzjoni thallas fid-29 ta’ April 1994.

Biex il-Qorti tasal ghad-decizzjoni taghha dwar din il-kwistjoni hemm bzonn tezamina fil-fond dan il-ftehim illi sar bejn il-korporazzjoni attrici u Reginald Fava. Skond dan il-ftehim hemm stipulat “… to pay onto Enemalta Corporation any sum which

may have been expended over and above the same amount of Lm2,600 deposited by Mr Reginald Fava".

Is-Sur Fava qieghed jinterpreta dan l-ahhar paragrafu fis-sens illi kwalunkwe somma illi l-korporazzjoni attrici setghet nefqet aktar minn elfejn u sitt mitt lira (Lm2,600) thallset a saldu fid-29 ta' April 1994 meta ntbaghat il-kont finali. F'dan il-kont finali esibit a fol 21 hemm miktub "… please note that the actual expenditure incurred on this project amounted to Lm3219.41. You are therefore requested to settle the balance of Lm869.41….". Kif diga nghad din ic-cifra thallset fid-29 ta' April 1994 skond ircevuta a fol 22 tal-process. L-ircevuta hija wahda *standard* fejn inghad illi l-Enemalta qieghdha tircievi l-ammont indikat, imbaghad hemm il-file number. Din l-ircevuta ma tispecifikax illi dan il-pagament qed isir ghas-saldu jew *in full and final settlement.* Lanqas ma rrizulta li saret xi *covering letter* b'dan il-pagament fejn Chemimart jew inkella Reginald Fava qieghdin jaghmlu dan il-pagament *in full and final settlement.*

Dan in-nuqqas pero' qed ikun ibbilancjat bin-nota illi baghtet il-korporazzjoni attrici a fol 21 fejn l-istess korporazzjoni qieghdha tiddikjara illi l-bilanc qed jintalab wara studju li sar fejn rrizultalhom "actual expenditure". Hawnhekk il-korporazzjoni qieghdha tintrabat b'cifra illi dehrilha illi kellha tkun dik finali. Il-kliem testwali tal-ftehim illi sar tal-25 ta' Awissu jirreferi ghal din it-talba kif maghmula mill-istess korporazzjoni fl-4 ta' April 1994.

Ghadda zmien mhux hazin bejn l-iffirmar tal-ftehim u s-sejha ta' hlas ta' dan il-bilanc fejn allura l-kjamat fil-kawza kellu dritt

jassumi illi l-korporazzjoni attrici ghamlet il-*costings* taghha sew u harget din ic-cifra wara studju illi hija ghamlet. Kellu ragun aktar tard imbaghad jopponi ghal hlas tal-bilanc wara li l-korporazzjoni attrici harget b'cifra ohra.

Jekk il-korporazzjoni attrici hadet l- izball dana huwa affari taghha u l-Qorti ma jidhirliex illi dan l-izball ghandu jigi ppregudikat il-kjamat fil-kawza. Meta l-istess korporazzjoni qieghdha tiddikjara l-figura msemmija fit-talba a fol 21 bhala *actual expenditure,* ghandha tiftiehem illi dak huwa l-ammont totali illi nefqet sabiex tipprovdi s-servizz abbazi tal-ftehim tal-25 ta' Awissu 1992 u mhuwiex mistenni illi snin wara l-istess korporazzjoni tohrog bi skuza illi trid aktar flus ghax hadet zball. Jekk hadet zball dana ghandha tarah hi ma' l-istaff taghha u min ikkommetta dan l-izball, izda ma ghandhiex tippregudika terzi illi agixxew *in good faith* u hallsu dak kollu illi kien originarjament mitlub minnhom.

Kien ikun ferm ahjar li kieku l-pagament illi ghamlet Chemimart Limited jew il-kjamat fil-kawza kienu jkunu koperti b'dikjarazzjoni illi dan il-pagament sar ghas-saldu, pero' f'dan il-kaz il-Qorti ma jidhrilhiex illi dana huwa xi fattur determinanti. Il-fatt jibqa' illi bin-nota a fol 21 l-korporazzjoni attrici ddikjarat kemm kienet l-ispiza illi effettivament ntefqet biex wasslet is-servizz lill-kjamat fil-kawza, u l-kjamat fil-kawza gustament hallas il-bilanc rikjest mill-korporazzjoni. Dan ir-ripensament li sussegwentement kellha l-korporazzjoni m'ghandux jippregudika l-kjamat fil-kawza, u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi abbazi ta' dawn l-argumenti l-kjamat

fil-kawza huwa gustifikat li ma jhallasx l-ammont indikat mill-korporazzjoni attrici fit-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tal-korporazzjoni attrici. Bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg